C/2024/5863

26.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11634 — MASDAR / TERNA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5863)

1. Fis-16 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Abu Dhabi Future Energy Company PJSC ("Masdar", l-Emirati Għarab Magħquda), li hi kkontrollata minn Abu Dhabi Development Holding Company PJSC ("ADQ", l-Emirati Għarab Magħquda),

— Terna Energy Industrial Commercial Technical SA ("Terna", il-Greċja), li hija kkontrollata biss minn GEK Terna Holdings, Real Estate Constructions Société Anonyme ("GEK Terna", il-Greċja).

Masdar se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani tat-totalità ta' Terna.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi konċernati huma dawn li ġejjin:

— Masdar hija inkorporata fl-Emirati Għarab Magħquda u hija kumpanija tal-enerġija rinnovabbli u tas-sostenibbiltà li tiżviluppa soluzzjonijiet fl-enerġija, l-ilma, l-iżvilupp urban u t-teknoloġiji nodfa fl-EGĦM u madwar id-dinja,

— Terna hija kumpanija Griega elenkata fil-Borża ta' Ateni u hija sussidjarja ta' GEK TERNA. Hija attiva fl-enerġija rinnovabbli fil-Greċja u hija preżenti wkoll fil-Polonja u fil-Bulgarija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11634 – MASDAR / TERNA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Id-dettalji ta' kuntatt huma:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË